IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2023
COM(2023) 11 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-apikultura

Werrej

1. INTRODUZZJONI 2
2. METODOLOĠIJA 3
3. DESKRIZZJONI TAS-SETTUR TAL-APIKULTURA 4
3,1 Produzzjoni u prezzijiet 4
3,2 Kummerċ 5
4. IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI NAZZJONALI TAT-TROBBIJA TAN-NAĦAL 6
4,1 Bażi ġuridika 6
4.2 Għanijiet u miżuri 6
4.3 Baġit tal-UE għall-programmi nazzjonali tal-apikultura u r-rata tal-użu 7
4.4 Allokazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal kull Stat Membru 9
4.5 Nefqa mġarrba skont it-tip ta' miżura 10
5. METODI UŻATI BIEX JIĠI DDETERMINAT L-GĦADD TAD-DOQQAJS 12
6. L-APIKULTURA FIL-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK WARA L-2022 13
7. KONKLUŻJONI 15

1. INTRODUZZJONI

L-importanza tas-settur tal-apikultura tmur lil hinn mid-daqs żgħir tiegħu meta mqabbel ma' setturi agrikoli oħra. Dan jagħti kontribut imprezzabbli għad-dakkir tal-għelejjel, il-frott u flora oħra minbarra li jipprovdi l-għasel u prodotti oħra tal-apikultura. Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE għandha diversi għodod biex jappoġġaw is-settur tal-apikultura, waħda minnhom il-programmi tal-apikultura, stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013[1] (l-OKS).

Skont l-Artikolu 225(a) tal-OKS, il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull tliet snin dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw is-settur tal-apikultura kif stabbiliti fl-Artikoli 55, 56 u 57. Ir-rapport irid jinkludi wkoll l-aħħar żviluppi fir-rigward tas-sistemi għall-identifikazzjoni tad-doqqajs. Dan ir-rapport jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 225(a).

Ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-apikultura għall-2020-2022, imfassla għas-snin tal-apikultura 2020-2022, li jibdew mill-1 ta' Awwissu 2019 sal-31 ta' Lulju 2022, u kif innotifikati lill-Kummissjoni sal-15 ta' Marzu 2019. Dawn il-programmi ġew sussegwentement immodifikati fl-2021 biex jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2022 kif meħtieġ mill-Artikolu 55(1) tal-OKS u kif emendat mir-regolament tranżizzjonali[2]. Il-modifika żiedet ukoll l-allokazzjoni baġitarja annwali tal-UE minn EUR 40 miljun għal EUR 60 miljun[3] fl-2021. L-estensjoni tagħhom tippermetti tranżizzjoni bla xkiel mill-interventi attwali għal dawk futuri inklużi fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK. Ir-rapport ma jkoprix l-implimentazzjoni matul is-sena tal-apikultura estiża mill-1 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2022. Ir-rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni matul is-sena estiża jista' jitħejja biss fi tmiem l-2023 peress li l-pagamenti lill-benefiċjarji jestendu sal-15 ta' Ottubru 2023.

Dan huwa t-tmien rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-apikultura. Ir-rapport ma jkoprix l-aspetti kollha rilevanti għat-trobbija tan-naħal, iżda jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-programmi tal-apikultura. Madankollu, jipprovdi ħarsa ġenerali qasira lejn is-settur tal-apikultura fl-UE u informazzjoni dwar l-appoġġ tal-UE għas-settur tal-apikultura skont il-pjanijiet strateġiċi futuri tal-PAK.

L-UE pprovdiet appoġġ dirett lis-settur tat-trobbija tan-naħal mill-1997[4]. Dan jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jfasslu programmi nazzjonali għas-settur tal-apikultura tagħhom. L-objettiv ta'

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

[2] Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022, ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027, ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11. L-ammont totali previst fil-qafas finanzjarju pluriennali fir-rigward tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija jinkludi żieda għal EUR 60 miljun fis-sena għall-programmi tal-apikultura.

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1221/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' miżuri biex itejbu l-produzzjoni u l-bejgħ tal-għasel, ĠU L 173, 1.7.97, p.1.

dawn il-programmi huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura fl-Unjoni: l-għasel, il-ħalib tan-naħal, l-għabra tad-dakra, iż-żaftur u x-xama' tan-naħal.

Il-programmi tal-apikultura huma kkofinanzjati mill-Unjoni Ewropea b'rata ta' 50 % u jdumu tliet snin. Il-programmi huma volontarji iżda l-Istati Membri kollha għażlu li jintroduċuhom, filwaqt li dawn juru l-interess qawwi tal-Istati Membri u l-ħtiġijiet tas-settur. Mill-2023, is-settur se jkompli jirċievi appoġġ taħt interventi obbligatorji tal-apikultura li huma parti mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK approvati reċentement. L-Istati Membri jistgħu wkoll iżidu r-rata ta' kofinanzjament minn minimu ta' 50 % għal massimu ta' 70 %.

2. METODOLOĠIJA

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq is-sorsi ta' informazzjoni li ġejjin:

- Informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366 fir-rigward tal-għajnuna fis-settur tal-apikultura[5], inkluż l-għadd ta' doqqajs fit-territorji tagħhom.
- Informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 fir-rigward tal-għajnuna fis-settur tal-apikultura[6], inklużi r-rapporti annwali ta' implimentazzjoni, stipulati fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament. Dawk ir-rapporti annwali jinkludu sommarju tan-nefqa mġarrba f'euro matul is-sena tal-apikultura, imqassma skont il-miżura, u r-riżultati abbażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni għal kull miżura implimentata. Madankollu, dawn l-indikaturi ma humiex armonizzati fil-livell tal-UE u ma ntużawx biex jinsiltu konklużjonijiet fil-kuntest ta' dan ir-rapport.
- *Data* dwar il-produzzjoni tal-għasel u l-kummerċ internazzjonali mill-Eurostat[7], il-Comtrade tan-NU[8] u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO)[9].

Iċ-ċifri ddettaljati u t-tabelli sommarji dwar is-suq tal-għasel u dwar il-programmi nazzjonali tal-apikultura huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Europa[10].

[5] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366 tal-11 ta' Mejju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-għajnuna lis-settur tal-apikultura, ĠU L 211, 8.8.2015, p. 3-6.

[6] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għajnuna lis-settur tal-apikultura, ĠU L 211, 8.8.2015, p. 9-16.

[7] https://ec.europa.eu/eurostat.

[8] https://comtrade.un.org/.

[9] http://www.fao.org/home/en/.

[10] https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/animals-and-animal-products/animal-products/honey_mt

3. DESKRIZZJONI TAS-SETTUR TAL-APIKULTURA

3,1 Produzzjoni u prezzijiet

Id-*data* l-aktar riċenti disponibbli dwar il-produzzjoni u l-prezzijiet fl-UE tkopri l-2017 u l-2018, irrapportata mill-Istati Membri fl-2019 taħt il-programmi nazzjonali tal-apikultura tagħhom għall-2020-2022. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw *data* tas-suq simili għall-2021 u l-2022 fl-2023[11].

Il-produzzjoni

Id-*data* nnotifikata fl-2019 skont il-programmi tal-2020-2022 turi li fl-2018 kien hemm madwar 17,3 miljun doqqajs fl-UE, ġestiti minn 615 058 persuna li jrabbu n-naħal. Minn dak iż-żmien, l-għadd ta' doqqajs kiber għal 18,9 miljun fl-2020 u għal 20 miljun doqqajs fl-2021. Id-*data* l-aktar riċenti mill-2018 dwar l-għadd ta' persuni li jrabbu n-naħal tindika wkoll żieda sostanzjali mill-2016 'l hawn, meta kienu rrapportati 568 194 persuna li jrabbu n-naħal għall-programmi tal-2017-2019. Madankollu, għandu jiġi nnotat li ma hemm l-ebda metodu armonizzat għad-definizzjoni tal-persuni li jrabbu n-naħal, u lanqas għal kif għandu jiġi stmat l-għadd tal-persuni li jrabbu n-naħal, biex b'hekk bidla f'dak l-għadd mhux bilfors tirrifletti tendenza ġenerali fis-settur.

Fin-nuqqas ta' ċifri tal-produzzjoni rrapportati mill-Istati Membri mill-2018 'l hawn, li ġew mogħtija fir-rapport preċedenti tas-17 ta' Diċembru 2019[12], dan ir-rapport jibbaża fuq *data* mill-FAO. Skont din id-*data*, l-Unjoni Ewropea pproduċiet 217 864 tunnellata ta' għasel fl-2020, u b'hekk l-UE kienet it-tieni l-akbar produttur tal-għasel fid-dinja, wara ċ-Ċina b'458 100 tunnellata. Mill-2018, il-produzzjoni tal-UE naqset b'madwar 16 % minn 258 610 tunnellata. L-UE ma tipproduċix biżżejjed għasel biex ikopri d-domanda. Fl-2020, kien hemm madwar 60 % li kienu awtosuffiċjenti[13], jiġifieri bejn wieħed u ieħor l-istess livell bħal fl-2018. L-Ukrajna kienet il-fornitur ewlieni ta' għasel importat fl-2020 (31 % tal-importazzjonijiet) segwita miċ-Ċina (21 % tal-importazzjonijiet).

Prezzijiet

Skont l-aktar *data* riċenti disponibbli rrapportata mill-Istati Membri għall-2018, il-prezz medju tal-UE għall-għasel ta' ħafna fjuri kien ta' EUR 6,46/kg fis-sit tal-produzzjoni u ta' EUR 3,79/kg għall-bejgħ bl-ingrossa mill-grossisti. Il-prezzijiet tal-għasel ivarjaw bil-kbir bejn l-Istati Membri, skont il-kwalità u l-punt tal-bejgħ. Meta mqabbel maċ-ċifri preċedenti previsti għall-2015, il-prezz medju bilkemm inbidel. Madankollu, il-kost tal-produzzjoni medju żdied minn EUR 3,21/kg fl-2015 għal EUR 3,90/kg fl-2018, u possibbilment ħalla marġni ta' profitt iżgħar għal kull kg ta' għasel prodott. Peress li l-Istati Membri ma jirrapportawx il-volumi ta' għasel mibjugħ bl-ingrossa u fuq il-post tal-produzzjoni, huwa diffiċli li jiġi kkalkolat il-marġni ta' profitt li jirriżulta għall-produtturi.

[11] F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1475tas-6 ta' Settembru 2022 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-għoti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, ĠU l 232, 7.9.2022, p. 8.

[12] COM_COM(2019)0635_MT.pdf (europa.eu)

[13] Rata ta' awtosuffiċjenza = produzzjoni tal-UE/(produzzjoni+importazzjonijiet-esportazzjonijiet).

3,2 Kummerċ[14]

Importazzjonijiet

L-UE hija biss 60 % awtosuffiċjenti fl-għasel. Fl-2021, l-UE importat 173 403 tunnellati ta' għasel b'valur totali ta' EUR 406,1 miljun. L-UE hija t-tieni l-akbar importatur tal-għasel fid-dinja, wara l-Amerka ta' Fuq, u l-Ukrajna hija l-fornitur ewlieni tagħha. Mill-2019 'l hawn, l-importazzjonijiet tal-UE mill-Ukrajna żdiedu minn 44 523 tunnellata fl-2019 għal 53 777 tunnellata fl-2021. Matul l-istess perjodu, l-importazzjonijiet miċ-Ċina, it-tieni l-akbar fornitur tal-UE, żdiedu wkoll minn 45 108 għal 48 109 tunnellata, filwaqt li l-importazzjonijiet mit-tielet u mir-raba' fornituri, jiġifieri l-Arġentina u l-Messiku, naqsu minn 21 269 tunnellata u 18 205 tunnellati rispettivament fl-2019, għal 14 396 u 15 486 tunnellata fl-2021.


L-għasel importat minn pajjiżi mhux tal-UE ġeneralment huwa irħas mill-għasel prodott fl-UE, u għall-2021, il-prezz medju tal-importazzjonijiet kien EUR 2,34/kg.

Esportazzjonijiet

Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-UE huwa ħafna aktar baxx meta mqabbel mal-importazzjonijiet. Fl-2021, l-UE esportat 25 421 tunnellata ta' għasel għal valur totali ta' EUR 146,4 miljun, li jirrappreżenta madwar 15 % tal-importazzjonijiet tal-UE f'termini ta' volum. Is-swieq ewlenin għall-għasel tal-UE huma r-Renju Unit, l-Iżvizzera, l-Arabja Sawdija, l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Ġappun. Fl-2021, il-prezz medju tal-esportazzjonijiet kien ta' EUR 5,76/kg.

Illustrazzjoni 1: Il-prezzijiet medji għall-għasel importat lejn l-UE u esportat minnha

[14] Sors tad-*data* kummerċjali: Eurostat Comext, https://trade.ec.europa.eu/tradehelp/statistics



	2018	2019	2020	2021
Prezz Medju tal-Importazzjoni	2,33	2,13	2,06	2,34
Prezz Medju tal-Esportazzjoni	5,40	5,26	5,21	5,76

Sors : Eurostat Comext

4. IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI NAZZJONALI TAT-TROBBIJA TAN-NAĦAL

4,1 Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għall-programmi nazzjonali tal-apikultura tal-2020-2022 hija l-Artikoli 55 sa 57 tal-OKS, issupplimentati bi:

- Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366, kif emendat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/580[15] u
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368, kif emendat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/166[16].

Il-programmi għas-snin tal-apikultura 2020-2022, u l-finanzjament tagħhom, ġew approvati permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/974 tat-12 ta' Ġunju 2019[17]. Dawn

[15] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/580 tal-1 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/1366 fir-rigward tal-bażi għall-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja fis-settur tal-apikultura, ĠU L 124, 12.4.2021, p. 1.

[16] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/166 tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1368 fir-rigward tal-estensjoni tal-programmi nazzjonali fis-settur tal-apikultura, ĠU L 48, 11.2.2021, p. 1.

[17] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/974 tat-12 ta' Ġunju 2019 li tapprova l-programmi nazzjonali għat-titjib tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura ppreżentati mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2019) 4177), ĠU L 157, 14.6.2019, p. 28.

il-programmi ġew emendati fl-2021 biex jiġu estiżi sal-aħħar tal-2022 u biex il-baġit annwali jiżdied minn EUR 40 miljun għal EUR 60 miljun (li jirrappreżenta l-kontribuzzjoni tal-UE). Il-programmi emendati ġew approvati permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/974 tad-9 ta' Ġunju 2021[18].

4.2 Għanijiet u miżuri

L-għan tal-programmi huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura fl-UE. Ir-riforma tal-PAK tal-2013 ġabet f'bidliet fil-programmi bil-għan li l-miżuri eliġibbli jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-settur u li tittejjeb l-allokazzjoni tal-baġit tal-UE billi jittejbu l-metodi użati mill-Istati Membri biex jiġi stmat l-għadd ta' doqqajs fit-territorji tagħhom. Il-miżuri eliġibbli għall-programmi tal-2020-2022 isegwu mill-istess miżuri disponibbli għall-programmi tal-2017-2019 u huma deskritti hawn taħt.

(a) **Għajnuna teknika lil dawk li jrabbu n-naħal u lill-organizzazzjonijiet ta' dawk li jrabbu n-naħal.** L-Istati Membri jużaw din il-miżura biex jiffinanzjaw it-taħriġ, jorganizzaw korsijiet u jistampaw fuljetti edukattivi, kif ukoll biex jixtru tagħmir tekniku għall-produzzjoni u l-ipproċessar primarju tal-għasel u biex jipprovdu appoġġ speċifiku liż-żgħażagħ li jrabbu n-naħal.

(b) **Il-ġlieda kontra l-invażuri u l-mard tad-doqqajs, b'mod partikolari l-varroaża.** Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-miżura kien diġà ġie estiż fil-programm preċedenti biex jiġu miġġielda l-invażuri u l-mard l-oħra tad-doqqajs, flimkien mal-varroaża, bħaż-żunżan bagħal Asjatiku (*Vespa velutina*) u l-ħanfusa żgħira tal-ġabsala (*Aethina tumida*). Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-programmi għadhom jiffukaw fuq li jiġġieldu l-varroaża billi jappoġġaw azzjonijiet biex jitnaqqas l-ammont ta' parassiti u billi jinfurmaw lil dawk li jrabbu n-naħal dwar il-ħtieġa u l-metodi biex jiġu miġġielda l-akari tal-varroa.

(c) **Ir-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza.** Appoġġ għal azzjonijiet biex jassistu l-ġestjoni tat-transumanza bħal ħidma fuq l-identifikazzjoni tad-doqqajs u tal-oqfsa, il-ġestjoni ta' reġistru tat-transumanza, l-investiment f'materjal u f'tagħmir li jiffaċilita t-transumanza u l-immappjar tal-varjetajiet tal-fjuri.

(d) **Miżuri li jappoġġaw laboratorji għall-analiżi tal-prodotti tal-apikultura bl-għan li dawk li jrabbu n-naħal jiġu megħjuna jikkumerċjalizzaw u jżidu l-valur tal-prodotti tagħhom.** Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-miżura (għalkemm użata l-aktar għall-analiżijiet tal-proprjetajiet fiżikokimiċi tal-għasel) ikopri wkoll prodotti oħra tal-apikultura[19] bħall-ħalib tan-naħal, l-għabra tad-dakra, iż-żaftur jew ix-xama' tan-naħal. Din l-informazzjoni tippermetti lil dawk li jrabbu n-naħal jikkummerċjalizzaw aħjar u jżidu l-valur tal-prodotti tagħhom.

[18] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/974 tad-9 ta' Ġunju 2021 li tapprova l-programmi nazzjonali emendati għat-titjib tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura ppreżentati mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2021) 4021), ĠU L 215, 17.6.2021, p. 37.

[19] Il-prodotti tal-apikultura koperti mill-programmi tal-apikultura huma elenkati fil-Parti XXII tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u dawn huma l-għasel, il-ħalib tan-naħal, iż-żaftur u x-xama' tan-naħal.

(e) **Miżuri li jappoġġaw ir-ripopolazzjoni tad-doqqajs.** Il-miżura tipprovdi assistenza biex tkopri t-telf tan-naħal, u b'hekk tevita t-tnaqqis fil-produzzjoni. Il-finanzjament jintuża l-aktar biex jinxtraw kolonji tan-naħal, irġejjen jew doqqajs ġodda u biex tiġi promossa l-produzzjoni tan-naħal irġejjen, b'mod partikolari razez indiġeni.

(f) **Kooperazzjoni ma' korpi speċjalizzati għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka applikata fil-qasam tat-trobbija tan-naħal u l-prodotti tal-apikultura.** Dan jippermetti lill-Istati Membri jiffinanzjaw proġetti speċifiċi ta' riċerka mmirati lejn it-titjib tal-apikultura, tal-produzzjoni jew tal-kwalità tal-għasel, u biex ixerrdu r-riżultati ta' tali proġetti.

(g) **Il-monitoraġġ tas-suq.** Dan l-appoġġ jiffinanzja l-monitoraġġ tal-prodotti tal-apikultura u tal-prezzijiet biex jgħin itejjeb il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u jappoġġa l-istrateġiji nazzjonali għall-monitoraġġ tas-suq.

(h) **It-tisħiħ tal-kwalità tal-prodott bil-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-prodotti fis-suq.** Dan jiffinanzja azzjonijiet ta' appoġġ biex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-suq tal-għasel u prodotti oħra tal-apikultura.

4.3 Baġit tal-UE għall-programmi nazzjonali tal-apikultura u r-rata tal-użu

Il-fondi tal-UE allokati għas-settur tal-apikultura żdiedu minn EUR 36 miljun fis-sena għall-programmi tal-apikultura ta' bejn l-2017 u l-2019 għal EUR 40 miljun[20] fis-sena għall-programmi tal-apikultura ta' bejn l-2020 u l-2022. Dawn ġew emendati fl-2021 biex tiġi estiża d-durata tagħhom u tiżdied l-allokazzjoni baġitarja għal EUR 60 miljun mill-2021.

Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-programmi tal-apikultura tikkorrispondi għal 50 % tal-ispiża mġarrba mill-Istati Membri. Għas-snin tal-apikultura 2020-2022, kien disponibbli finanzjament ta' EUR 318,9 miljun[21] għall-programmi nazzjonali tal-apikultura fl-UE, 48 % aktar mill-finanzjament disponibbli għall-perjodu 2017-2019. Nofs dan jirrappreżenta l-kontribuzzjoni tal-UE u n-nofs l-ieħor il-kofinanzjament tal-Istati Membri.

Għalkemm il-finanzjament ma ntużax kollu, ir-rata ta' assorbiment kienet għadha relattivament għolja kemm fl-2019 kif ukoll fl-2020 iżda naqset sostanzjalment fl-2021. Dan it-tnaqqis fir-rata tal-użu fl-2021 jista' jiġi spjegat miż-żieda sostanzjali fl-allokazzjoni baġitarja u l-emenda kemxejn tard għall-programmi biex jassorbu dawn il-fondi, peress li ġew innotifikati f'Marzu 2021 u approvati f'Ġunju 2021. Għalkemm l-Istati Membri ngħataw parir dwar il-bidliet li ġejjin fl-2020 u ġew imħeġġa jimmassimizzaw l-użu tal-fondi fl-2021, diversi Stati Membri kellhom diffikultajiet biex jassorbu ż-żieda fil-fondi, b'mod partikolari dawk li rċevew finanzjament ferm ogħla milli fl-2019. Fil-fatt, filwaqt li fl-2020, 21 Stat Membru kellhom rata ta' assorbiment ta' 80 % jew aktar u 6 biss kellhom punteġġ taħt it-80 %; fl-2021, 11-il Stat Membru biss kellhom rata ta' assorbiment ta' 80 % jew aktar u 16 kienu taħt it-80 %. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor ir-rata ta' finanzjament u ta' eżekuzzjoni tal-UE għall-programmi tal-apikultura fis-snin tal-apikultura 2020-2022 u 2019 sena tal-apikultura (li għalihom id-*data* ma kinitx disponibbli fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport fis-17 ta' Diċembru 2019).

[20] Kontribuzzjoni totali tal-UE għall-EU-28, inkluż ir-Renju Unit.
[21] L-ammont totali għall-EU-27, mingħajr ir-Renju Unit.

Tabella 1: Il-finanzjament u r-rata ta' eżekuzzjoni tal-UE għall-programmi tal-apikultura

Fondi tal-UE disponibbli għal	Is-sena tal-apikultura 2019 Programmi 2017-2019	Is-sena tal-apikultura 2020 Programmi 2020-2022	Is-sena tal-apikultura 2021 Programmi 2020-2022	2022 sena tal-apikultura Programmi 2020-2022	sena finanzjarja 2023 għal interventi tal-apikultura skont il-pjanijiet Strateġiċi tal-PAK Jan – Ott 2023
f'EUR	36 000 000	39 441 410[22]	60 000 000	60 000 000	60 000 000[23]
Ammont ta' fondi tal-UE użati mill-Istati Membri f'EUR*	33 757 308	35 947 262	46 772 973	Se jiġi nnotifikat sal-31 ta' Diċembru 2023	Se jiġi nnotifikat sal-15 ta' Ġunju 2024
Rata ta' eżekuzzjoni	94 %	91 %	78 %		

**Sors: Ir-Rapporti Annwali tal-Implimentazzjoni tal-Istati Membri ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2015/1368.*

4.4 Allokazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal kull Stat Membru

Ir-regoli għall-kalkolu tal-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-programmi tal-apikultura kif stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366 huma bbażati fuq il-proporzjon ta' doqqajs innotifikat minn kull Stat Membru li jipparteċipa fil-programm, flimkien ma' kontribuzzjoni minima stabbilita tal-UE ta' EUR 25 000 għal kull programm. Madankollu, jekk Stat Membru jitlob inqas mill-intitolament tiegħu abbażi tal-proporzjon tiegħu tad-doqqajs, il-finanzjament tal-UE li jifdal jista' jitqassam lill-Istati Membri l-oħra li talbu aktar mis-sehem teoretiku tagħhom tal-finanzjament.


F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2015/1366, l-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni għall-programmi tal-apikultura 2020-2022 innotifikati fl-2019 saret abbażi tal-għadd ta' doqqajs ikkomunikat mill-Istati Membri fl-2017 u fl-2018. Mill-2021 'il quddiem, iż-żieda fil-

[22] Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-EU 27 mingħajr ir-Renju Unit.

[23] Il-baġit għas-sena finanzjarja 2023 jista' jintuża wkoll għall-ħlas ta' miżuri implimentati mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022, kif spjegat fit-taqsima 6.

kontribuzzjonijiet tal-UE ġiet allokata kif stabbilit fl-Anness 10 tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK (ir-Regolament (UE) 2021/2115)[24]. Dawn l-allokazzjonijiet ġew ikkalkulati abbażi tal-għadd ta' doqqajs ikkomunikat fl-2013 mill-Istati Membri fil-programmi tal-apikultura tagħhom għall-2014-2016, b'aġġustament mill-applikazzjonijiet għall-finanzjament fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-2017-2019[25].

Illustrazzjoni 2: Allokazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-UE għal kull Stat Membru għas-snin tal-apikultura 2020-2022



Sors: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/974 (għall-2020) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/974 (għall-2021 u l-2022).

4.5 Nefqa mġarrba skont it-tip ta' miżura

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament 2015/1368, l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu, sal-15 ta' Marzu ta' kull sena, rapport ta' implimentazzjoni annwali li jkopri s-sena preċedenti tal-apikultura. L-ewwel żewġ rapporti annwali, li jikkorrispondu għas-snin tal-apikultura tal-2020[26] u l-2021[27], ġew innotifikati fl-2021 u l-2022 rispettivament. Id-diżaggregazzjoni tan-nefqa skont it-tip ta' miżura għas-sena tal-apikultura tal-2021 tidher fid-dijagramma t'hawn taħt *(Illustrazzjoni 3)*. Għat-tqabbil, l-Illustrazzjoni 4 tagħti diżaggregazzjoni simili skont it-tip ta' miżura għas-sena tal-apikultura tal-2020, li turi li d-distribuzzjoni globali, imkejla bħala perċentwal, kienet simili.

[24] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.

[25] L-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/580.

[26] Il-perjodu ta' żmien mill-1 ta' Awwissu 2019 sal-31 ta' Lulju 2020.

[27] Il-perjodu ta' żmien mill-1 ta' Awwissu 2020 sal-31 ta' Lulju 2021.


Fl-2021, żewġ miżuri (**assistenza teknika** u **l-ġlieda kontra l-invażuri tad-doqqajs**) kienu responsabbli għal 54 % tal-finanzjament disponibbli. Fl-2020, simili għas-snin preċedenti, ir-rata kkombinata għal dawn il-miżuri kienet qrib is-60 %. Dan jirrifletti l-ħtieġa kontinwa għat-titjib tal-ħiliet ta' dawk li jrabbu n-naħal u għal investiment fit-tagħmir tal-apikultura appoġġat mill-miżura A (assistenza teknika) u l-prattiki tal-apikultura fil-ġlieda kontra l-mard u l-invażuri tad-doqqajs appoġġati skont il-miżura B (il-ġlieda kontra l-invażuri u l-mard tad-doqqajs).

Simili għas-snin preċedenti, l-aktar żewġ miżuri popolari li jmiss kienu **r-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza** u **r-ripopolazzjoni tad-duqqajs**, li kienu responsabbli għal 40 % tan-nefqa totali madwar l-Istati Membri fl-2021 u għal 34 % fl-2020. F'bosta Stati Membri, it-transumanza hija prattika essenzjali fit-trobbija tan-naħal, meħtieġa sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet nutrizzjonali tan-naħal tal-għasel matul l-istaġun kollu tal-apikultura u jiġu pprovduti servizzi ta' dakkir.

Il-miżuri għat-twettiq **tar-riċerka applikata** u **l-analiżi applikati tal-għasel** ġew fil-ħames u fis-sitt post f'termini ta' appoġġ, u rċevew 2,7 % u 2,4 % tal-finanzjament disponibbli fl-2021.


Il-miżuri li jappoġġaw **it-titjib tal-prodott** u **l-monitoraġġ tas-suq,** li ġew introdotti għall-ewwel darba fil-programm tal-2017-2019, flimkien irċevew inqas minn 2 % tal-finanzjament kemm fl-2020 kif ukoll fl-2021.

Illustrazzjoni 3: In-nefqa f'perċentwal skont il-miżura matul is-sena tal-apikultura tal-2021



Sors: Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri għall-2021.

Illustrazzjoni 4: In-nefqa f'perċentwal skont il-miżura matul is-sena tal-apikultura tal-2020



Sors: Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri għall-2020.

5. METODI UŻATI BIEX JIĠI DDETERMINAT L-GĦADD TAD-DOQQAJS

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1366, mill-2017, l-Istati Membri li jissottomettu programmi tal-apikultura iridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull sena l-għadd ta' doqqajs fit-territorju tagħhom li huma lesti għax-xitwa. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2 tal-imsemmi Regolament, l-Istati Membri kienu meħtieġa li jkollhom metodu affidabbli biex jiddeterminaw dan in-numru, li kellu jiġi deskritt fil-programmi tal-apikultura tagħhom. Dan ir-Regolament ta' Delega ġie adottat fl-2015, abbażi tas-setgħa mogħtija skont l-Artikolu 56(1)(b) tal-OKS, u stabbilixxa l-bażi għall-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-programmi tal-apikultura tal-Istati Membri, abbażi tal-għadd ta' doqqajs.

Dan stipula wkoll id-definizzjoni ta' doqqajs bħala *"... l-unità li tikkontjeni l-kolonja tan-naħal tal-għasel użata għall-produzzjoni tal-għasel u prodotti oħra tal-apikultura jew materjal għat-trobbija tan-naħal tal-għasel, u l-elementi kollha meħtieġa għas-sopravivenza tagħha".*


Għalkemm il-finanzjament annwali lill-Istati Membri fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK mhux se jibqa' jkun ibbażat fuq l-għadd innotifikat ta' doqqajs, għadu importanti li jkun magħruf l-għadd ta' doqqajs fl-Istati Membri. Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu segwiti l-iżviluppi fis-settur, jiġi evalwat l-impatt tal-appoġġ kif ukoll biex iċ-ċittadini Ewropej jinżammu informati. Skont il-pjanijiet futuri tal-PAK f'konformità mal-Artikoli 36 sa 38 tar-Regolament (UE)

2022/126[28], l-Istati Membri huma meħtieġa jinkludu d-deskrizzjoni ta' metodu affidabbli għall-kalkolu tal-għadd ta' doqqajs lesti għax-xitwa fil-pjan strateġiku tagħhom u jinnotifikaw l-għadd ta' doqqajs sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena. Dawn il-metodi ta' kalkolu rrapportati mill-Istati Membri kemm taħt il-programmi tal-2020-2022 kif ukoll taħt il-pjanijiet strateġiċi se jibqgħu relattivament l-istess meta mqabbla mal-ewwel metodi rrapportati fil-programmi tal-apikultura tal-2017-2019, deskritti fir-rapport preċedenti tas-17 ta' Diċembru 2019.

Minħabba li ma kien hemm l-ebda regola armonizzata li tirregola dawn l-aspetti qabel l-applikazzjoni ta' dak l-att delegat, l-għadd ta' doqqajs innotifikat qabel l-applikazzjoni tiegħu fl-2017 ma jistax jitqabbel direttament mal-għadd ta' doqqajs innotifikat wara l-15 ta' Marzu 2017. Madankollu, ix-xejra storika fit-tul tindika li l-għadd ta' doqqajs fl-Unjoni Ewropea żdied sena wara sena kif muri fl-Illustrazzjoni 5. Din ix-xejra pożittiva tidher fi kważi l-Istati Membri kollha.

Illustrazzjoni 5: L-evoluzzjoni tal-għadd ta' doqqajs fl-UE f'eluf

[28]Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT), ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52.



Sors: In-notifika annwali tal-Istati Membri dwar l-għadd ta' doqqajs lesti għax-xitwa fit-territorju tagħhom.

6. L-APIKULTURA FIL-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK WARA L-2022

Mill-2023, l-appoġġ għas-settur tal-apikultura se jingħata permezz ta' interventi għall-apikultura inklużi fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-PAK. Filwaqt li taħt l-OKS, kien volontarju għall-Istati Membri li jimplimentaw programmi tal-apikultura, mill-2023 dawn se jkunu obbligatorji. L-inklużjoni tal-apikultura fil-pjanijiet tal-PAK se żżid il-viżibilità tas-settur u se tiżgura li l-kontribut tiegħu għall-objettivi ġenerali tal-politika agrikola komuni jittieħed inkunsiderazzjoni.

Il-finanzjament għall-interventi tal-apikultura, kif stabbilit fl-Anness X tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK, se jibqa' l-istess mill-2023 sal-2025, EUR 60 miljun kull sena finanzjarja. Il-baġit għall-2023 se jipprovdi kemm għall-interventi tal-apikultura implimentati skont il-pjanijiet strateġiċi (u mħallsa matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-15 ta' Ottubru 2023) kif ukoll għall-miżuri tal-apikultura implimentati mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 skont il-programmi attwali tal-apikultura (u mħallsa matul il-perjodu mis-16 ta' Ottubru 2022 sal-15 ta' Ottubru 2023). Bl-istess mod, il-pakketti finanzjarji għas-snin finanzjarji sussegwenti se jkopru n-nefqa għall-interventi tal-apikultura implimentati skont il-pjanijiet Strateġiċi kif ukoll kwalunkwe nefqa residwa possibbli għall-miżuri tal-apikultura implimentati skont il-programmi attwali tal-

apikultura. Għadd ta' Stati Membri tabilħaqq se jagħmlu użu mill-allokazzjoni finanzjarja tal-2023 għall-ħlas ta' miżuri implimentati matul l-aħħar 5 xhur tal-2022 kif indikat fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom. Bidla oħra introdotta fil-Pjanijiet Strateġiċi tippermetti lill-Istati Membri jżidu r-rata ta' kofinanzjament tagħhom mill-minimu obbligatorju ta' 50 % għal 70 % biex ikomplu jtejbu l-baġit tagħhom. Tliet Stati Membri (BG, IT u LU) għażlu li jagħmlu dan; l-oħrajn ikomplu bir-rata minima obbligatorja ta' kofinanzjament ta' 50 %.

Fl-istabbiliment tal-interventi tal-apikultura tagħhom mill-2023-2027 skont il-pjan strateġiku, l-Istati Membri jridu jsegwu mill-inqas wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-PAK (l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115).

Simili għall-programmi attwali, l-appoġġ għalt-trobbija tan-naħal se jiġi pprovdut permezz ta' għadd ta' interventi mfassla mill-Istati Membri f'kollaborazzjoni ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet fil-qasam tal-apikultura. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu minn seba' tipi ta' interventi fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2021/2115, elenkati hawn taħt, li huma riportati minn miżuri preċedenti skont ir-Regolament dwar l-OKS u li jkomplu jestendu l-ambitu tal-appoġġ ipprovdut. Dawn huma:

a) servizzi ta' konsulenza, assistenza teknika, taħriġ, informazzjoni u skambju tal-aħjar prattiki, inkluż permezz ta' networking, għal dawk li jrabbu n-naħal u l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jrabbu n-naħal;

b) investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli, kif ukoll azzjonijiet oħra, fosthom għal:

i) il-ġlieda kontra l-invażuri u l-mard tad-doqqajs, partikolarment il-varroażi;
ii) il-prevenzjoni tal-ħsara kkawżata minn avvenimenti klimatiċi avversi u l-promozzjoni tal-iżvilupp u l-użu ta' prattiki ta' ġestjoni adattati għall-kondizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu;
iii) ir-ripopolazzjoni tad-doqqajs fl-Unjoni, inkluż it-trobbija tan-naħal;
iv) ir-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza;

c) azzjonijiet li jappoġġaw il-laboratorji għall-analiżi tal-prodotti tal-apikultura, it-telf tan-naħal jew it-tnaqqis fil-produttività, u sustanzi potenzjalment tossiċi għan-naħal;

d) azzjonijiet biex jiġi ppreservat jew jiżdied l-għadd eżistenti ta' kaxxi tan-naħal fl-Unjoni, inkluża t-trobbija tan-naħal;

e) il-kooperazzjoni ma' korpi speċjalizzati għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka fil-qasam tal-apikultura u l-prodotti tal-apikultura;

f) il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni inklużi azzjonijiet ta' monitoraġġ tas-suq u attivitajiet immirati b'mod partikolari lejn is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-kwalità tal-prodotti tal-apikultura;

g) azzjonijiet għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti.

7. KONKLUŻJONI

L-importanza tal-appoġġ għas-settur tal-apikultura hija rikonoxxuta minn kulħadd fl-UE, mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, sal-pubbliku ġenerali. Għalkemm kienu volontarji, l-Istati Membri kollha mexxew programmi tal-apikultura f'dawn l-aħħar snin f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-settur u mar-rappreżentanti tiegħu. L-inklużjoni tal-appoġġ tal-

apikultura fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK bħala komponent obbligatorju għall-Istati Membri kollha tenfasizza aktar l-importanza tas-settur u tirrikonoxxi l-kontribut tiegħu għall-objettivi speċifiċi tal-PAK, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-bijodiversità u l-preservazzjoni tal-ħabitats. Tirrikonoxxi wkoll l-appoġġ siewi pprovdut permezz ta' dawn il-programmi fl-indirizzar tal-isfidi dejjem jiżdiedu fit-trobbija tan-naħal li huma aggravati mit-tibdil fil-klima.

Il-firxa ta' miżuri żdiedet matul is-snin, b'mod partikolari bl-aħħar tipi ta' interventi introdotti fir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK. Dawn l-interventi jespandu u jtejbu l-miżuri preċedenti, billi jipprovdu ambitu usa' ta' azzjonijiet possibbli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-settur madwar l-Istati Membri. Flimkien ma' dan, iż-żieda sostanzjali fil-finanzjament mill-2021 'l hawn u l-ambitu mogħti lill-Istati Membri biex iżidu l-kofinanzjament nazzjonali tagħhom għandhom jipprovdu r-riżorsi meħtieġa għas-settur biex itejjeb il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-apikultura filwaqt li jaqdi l-ħtiġijiet diversi ta' dawk li jrabbu n-naħal tiegħu madwar l-UE. Dan jawgura tajjeb għall-użu għoli kontinwu tal-fondi disponibbli madwar l-Istati Membri kollha.

Indikatur tajjeb tal-impatt pożittiv ta' dawn il-programmi fuq is-settur huwa l-għadd ta' doqqajs, li jkompli jiżdied sena wara sena. Madankollu, dan mhux dejjem ikun akkumpanjat minn żieda fil-produzzjoni, li hija dipendenti ħafna fuq il-kundizzjonijiet klimatiċi fost fatturi oħra. Il-profittabbiltà ġenerali tas-settur tiddependi wkoll fuq prezz ġust li jitħallas lil dawk li jrabbu n-naħal għall-prodotti tagħhom. Il-prezzijiet medji għall-għasel fl-UE ma żdidux ħafna matul is-snin, filwaqt li l-kostijiet tal-produzzjoni komplew jiżdiedu u l-prezzijiet tal-importazzjoni jonqsu. Biex jingħelbu l-ħafna sfidi hemm bżonn ta' sforz ikkoordinat minn kulħadd. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jkompli jiġi pprovdut appoġġ lis-settur, b'mod partikolari minħabba r-rwol imprezzabbli li n-naħal għandhom għall-agrikoltura u għall-ambjent.